

**Brussell, 17 ta' Settembru 2021
(OR. en)**

11922/21

**FIN 698
INST 319
PE-L 29**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11810/21
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 18/2021 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2021

1. Fl-14 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 18/2021.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi ttrasferit ammont totali ta' EUR 55.84 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (a/i) mill-Artikoli 11 10 01 (*Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)*), 11 10 02 (*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl- Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)*), 12 10 01 (*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)*), 12 10 02 (*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)*) u 30 04 01 (*Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza (SEAR)*) għall-Artikoli 10 02 01 (*Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni*) u 11 02 01 (*Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u tal-viżi*), kif irreġistrat fid-dokument 11810/21.

2. Il-Kummissjoni titlob il-mobilizzazzjoni tar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR) b'rabta mal-influss eċċezzjonali u mingħajr preċedent ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi ffaċilitat mir-reġim attwali fil-Belarużja, li jpoġġi taħt pressjoni s-sistema ta' akkoljenza u ażil tal-Istati Membri li jmissu mal-Belarużja, b'mod partikolari l-Litwanja. Il-EUR 21.76 miljun mitluba f'a/i ser jintużaw biex jissaħħaħ il-komponent tal-assistenza ta' emerġenza tal-Faċilità Tematika taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) fil-baġit tal-2021.

Barra minn hekk, qed jintalab tisħiħ tal-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI) b'EUR 34.07 miljun f'a/i biex jiġu koperti ħtiġijiet addizzjonali, identifikati mil-Litwanja, sabiex jiġu żgurati u ġestiti l-fruntieri tagħha mal-Belarużja, b'mod partikolari biex tiġi aġġornata s-sistema ta' sorveljanza tagħha u biex din tintuża tul il-fruntiera kollha.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
- it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost, kif jinsab fid-dokument 11810/21, u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS għal dak l-għan.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : Il-President tal-Kunsill

lil : Il-President tal-Parlament Ewropew

kopja : Il-President tal-Kummissjoni

Sinjur,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 18/2021 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2021.

(Formola ta' għeluq).

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).